# Il-Film *Gates of the Lamb*

Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) qed torganizza attività għall-pubbliku ġenerali fejn ser jintwera l-film *Gates of the Lamb* tad-Direttur Audrius Stonys. Marbut ma' dan, is-Soċjetà għal din il-lejla stiednet lil Fr Gediminas Numgaudis OFM li huwa Reliġjuż mil-Litwanja u l-*Producer* ta' dan l-istess film biex jintroduċi u jispjega din il-biċċa xogħol artistika li essenzjalment titratta s-Sagrament tal-Magħmudija.

Fi kliem id-Direttur, "*dan il-film huwa dwar il-laqgħa bejn Alla u l-Bniedem. Din il-laqgħa tista' tkun waħda fraġli li qajla tinħass. Imma jekk il-cameras, kapaċi jaqbduha, ta' min wieħed jipprova. Għalhekk aċċettajt l-istedina ta' Fr. Gediminas bħala sfida biex nipprova mmiss dak li mhux tanġibbli*". Dan huwa film dwar il-miraklu moħbi tal-Magħmudija u l-messa li ma tistax tispjegaha ta' Alla.

Għaldaqstant is-Soċjeta tal-Museum tixtieq tistiednek għal din l-attività ser issir **il-Ġimgħa 29 ta' April 2016 fis-7:00 pm** fiċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Dar il-Ħanin Samaritan, Santa Venera (ħdejn l-Iskola St Michael).